**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 89/2009**

**Illum: 20 ta' Mejju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Dennis Theuma)**

**vs**

**Stephen Schembri**
**(ID 434370(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Stephen Schembri ta' 35 sena, iben Anthony u Rita nee` Ciantar, imwieled il-Pieta` nhar is-17 ta' Lulju 1970, residenti 'L-Arkati', Maisonette C, Valley Road, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita` numru 434370(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' April 2006 u fis-snin ta' qabel:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa fil-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>L-ammissibilita` o meno tal-istqarrija</u>**

Illi l-ewwel kwistjoni li ser tiddeciedi dwarha l-Qorti hija dik dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan stante illi fiz-zmien li din giet hekk rilaxxjata, l-istess imputat ma nghatax l-opportunita` li jikseb parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu.

Fil-jum li fiha ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fil-21 ta' April 2006, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija.  Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

F'dan il-kuntest, fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ricentement fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **<u>Mario Borg v. Malta</u>**, gie ritenut hekk:

"*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*…*

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*".

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-*

*ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[1] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet ukoll:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[2] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

[1] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[2] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant.  Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fil-kaz odjern, il-Qorti tqis illi ghandha tapplika dawn l-insenjamenti ghall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u ghalhekk din l-istqarrija qed tigi skartata. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragjunament japplika ghal tali stqarrijiet ukoll.  Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-21 ta' April 2006 esebita a fol. 3 *et seq* tal-process, kif ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-istess imputat verbalment waqt l-investigazzjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-21 ta' April 2006, ghall-habta tat-3.45 a.m. il-Pulizija waqqfu lill-imputat fil-vettura tieghu IAU 519, fl-inhawi ta' *Manoel Island* u fil-*panelling* tal-bieba tal-vettura nstabu pakketti bi trab abjad suspettat kokaina.  B'kollox fil-pussess tal-imputat instabu seba' pakketti bi trab abjad u s-somma ta' Lm233 fi flus kontanti.  L-imputat gie arrestat u investigat dwar din is-sejba.

Fix-xhieda tieghu, **PC 99 Mario Portelli** ossia wiehed mill-Ufficjali tal-Pulizija li kienu nvoluti fit-twaqqif tal-vettura tal-imputat fil-jum in kwistjoni, jghid illi l-imputat gie mwaqqaf hdejn *Manoel Island* ghaliex deher agitat fil-vettura meta ra l-vettura tal-pulizija warajh.  Jghid ukoll illi minn tfittxija li saret f'din il-vettura, wara t-tapizzerija tal-bieba tax-xufier sabu xi pakketti b'sustanza suspettata kokaina, apparti li nstabet somma flus fuq l-imputat.  In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi jista' jkun illi l-vettura tal-imputat kienet diga` wieqfa meta huma marru fuqu.[3]

**PS 241 Nicholas Farrugia** xehed illi huwa gie mitlub jinzel fuq il-post ossia faccata ta' *Manoel Island*, wara li l-pulizija kienu ghadhom kemm waqqfu vettura

[3] A fol. 20 *et seq* tal-process.

u kienu ser jaghmlu tfittixija. Skond ix-xhud, mill-bieba tax-xufier kienu gew elevati xi oggetti relatati mad-droga u flus kontanti. Jghid li kien hemm seba' pakketti u li l-pakketti kienu wara t-tapizzerija fil-bieba tax-xufier.[4]

Xehed ukoll **PC 857 John Laferla**, li qal illi fil-jum in kwistjoni ghall-habta tal-4.00 a.m., kien ronda gewwa Tas-Sliema u hekk kif kienu ghaddejjin mill-Gzira, PC 99 Mario Portelli u hu waqqfu vettura bajda IAU 519. Jghid illi gihom suspett f'din il-vettura ghaliex din kienet ftit antika u ma bdietx miexja dritt. Jghid illi l-vettura giet imwaqqfa fejn il-*bridge* ta' *Manoel Island*, li ghalqu l-istess vettura, waqqfuha u qalu lil min kien fiha biex johrog mill-vettura. Jghid ukoll illi huma staqsewh "*ghaliex beda sejjer hekk u qalilna li ghax il-van jista' jkun li kien bil-hsara*".[5] Waqt it-tfittxija fuq il-persuna tieghu, kienu sabu Lm230 u xi zewg pakketti bi trab abjad. Skond ix-xhud, imbaghad, fil-vettura kellu *speaker* mal-bieba u gewwa instabu xi erba' pakketti ohra bi trab abjad. Ix-xhud indika lill-imputat bhala l-persuna li giet imwaqqfa minnu u mill-kollega tieghu.[6]

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta, xehed illi l-vettura Peugeot 305 ta' kulur griz bin-numru ta' registrazzjoni IAU 519 kienet registrata fuq l-imputat odjern fil-21 ta' April 2006 u li kienet ilha hekk registrata mit-22 ta' Mejju 2003. Sal-24 ta' Ottubru 2011 ossia d-data tax-xhieda ta' Cachia, din kienet ghadha registrata fuq l-imputat.[7]

Mir-relazzjoni tal-**Ispizjar Mario Mifsud**[8], jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu u cioe` *envelope* li kien fih borza tal-plastik trasparenti li kien fiha *label* bajda bil-kliem 'Data 21/4/06, Hin 3.45 a.m., Elevat/i minn gol-vettura ta' Stefan Schembri (IAU – 519), fil-presenza ta' Stefan Schembri, minn PS 241, PC 857, PC 99, PC 1132, PC 191". F'din il-borza kien hemm borza tal-plastik trasparenti vojta, sitt boroz zghar tal-plastik trasparenti bi trab ta' lewn abjad go fihom u kontenitur zghir tal-plastik ta' lewn celesti li go fih kien hemm borza zghira tal-plastik trasparenti bi trab ta' lewn abjad go fiha.

Skond l-istess relazzjoni, il-piz tat-trab abjad fis-seba' boroz zghar tal-plastik rispettivament kien is-segwenti: 0.49g, 0.49g, 0.45g, 0.57g, 0.38g, 0.40g u 0.49g. L-espert ikkonkluda illi fit-trab abjad li kien hemm f'dawn is-seba' boroz instabet

---

[4] A fol. 23 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 65 tal-process.
[6] A fol. 64 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 31 *et seq* tal-process.
[8] Esebita a fol. 37 tal-process.

is-sustanza kokajina, li l-piz nett totali tat-trab abjad kien ta' 3.27 grammi u l-purita` medja tat-trab ghas-sustanza kokajina kienet ta' cirka 45.1%.

Fix-xhieda tieghu[9], meta mistoqsi jekk doza ta' 0.5 grammi tistax tirrapprezenta bejn wiehed u iehor doza wahda, l-espert wiegeb illi wiehed jista' jehodha b'dak il-mod, izda jiddependi wkoll minn kemm il-persuna tkun ilha tuza d-droga. Jghid ukoll illi l-purita` kienet wahda normali ossia ghall-konsum.

L-**imputat** ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa jghid illi dak iz-zmien kien ghaddej minn problemi matrimonjali li ma kienx qed jistennihom, li martu riedet tissepara habta u sabta u li huwa kellu hamest itfal. Jghid illi minflok fittex l-ghajnuna, huwa dar ghall-uzu tad-droga kokaina. Jghid illi eventwalment issepara u li dan sehh ftit xhur qabel il-kaz odjern. Jghid ukoll illi huwa ssepara madwar seba' snin qabel jew ftit izjed. L-imputat jghid illi dakinhar li nqabad mill-pulizija, nstabitlu d-droga kokaina u li din kienet tieghu. Jghid illi fuqu kellu pakkett li kien qieghed juzah u pakkett iehor li kien fil-but. Jghid illi huwa kien xtara tliet grammi shah u li taghhom kien hallas madwar Lm100 jew ftit izjed. L-imputat jghid illi kien huwa stess li qasam id-droga f'pakketti u dan sabiex meta johrog ma jehodhomx kollha mieghu. Jghid illi kien qasam id-droga f'pakketti ta' 0.5g sabiex meta terzi persuni jistaqsuh sabiex jaghmlilhom linja, huwa jghidilhom li dik biss kellu u li m'ghandux minn fejn jaghtihom. Jghid illi huwa kien stqarr mal-pulizija l-verita` kollha fis-sens li kellu mizien li kien juzah in konnessjoni mal-hamiem u li l-flus li nstabu fuqu kien ghadu kemm gabarhom mill-*club* tal-hamiem u dan stante li huwa kien kaxxier tal-*club* fiz-zmien in kwistjoni u li dakinhar stess kellu l-flus ghaliex kien ghadu kif gabarhom mit-tigrija tal-hamiem qabel ma hareg. L-imputat jghid illi apparti li kellu zewg pakketti fuqu, kellu hames pakketti fil-bieba tal-vettura u li kien izomm id-droga hemmhekk ghaliex din kienet dejjem tkun maghluqa. Jghid illi dejjem fil-bieba tal-vettura kien izomm id-droga u li ma kienx izommha d-dar minhabba t-tfal. Jghid ukoll illi wara li sehh il-kaz ma baqax juza droga u rega' rranga ma' martu. Dak iz-zmien huwa kien jahdem l-Air Malta. Mistoqsi kemm kien jiehu droga, jghid illi huwa kien jehodha "*qisu weekends*" u li kien jiehu gramma u nofs kull meta johrog filghaxija. Jghid illi gieli hareg darba f'*weekend* u gieli hareg darbtejn, izda l-izjed li kien johrog kien il-Gimgha ghax il-Hadd kien jigi l-hamiem. Jghid ukoll illi kien jixtri tlieta jew erba' grammi f'daqqa, li kien jonfoq bejn Lm100 jew Lm120 u li kien jixtri dan l-ammont kull tliet gimghat jew xahar – "*daqqa naqra iktar u daqqa naqra inqas*".[10] Jghid illi huwa kien jixtri d-droga shiha u kien jaqsamha huwa f'pakketti.

---

[9] A fol. 33 *et seq* tal-process.
[10] A fol. 76 tal-process.

In kontro-ezami, l-imputat jghid illi huwa kien ilu jabbuza mid-droga xi sitt xhur qabel jew ftit izjed minn meta bdew il-problemi familjari. Jghid illi huwa beda b'nofs gramma u li qabel qatt ma kien miss droga. Jghid illi beda billi abbuza minn linja kokaina li kienu tawhielu b'xejn, li kien tahielu Malti u li dan kollu kien qalu lill-Ufficjal Prosekutur meta kien gie arrestat, li huwa kien jixtri l-kokaina minghand din l-istess persuna, li kien jixtri minghandu billi jmur gewwa d-*disco* fejn dan kien ikun, izda ma kienx jaf x'jismu la d-*disco* u lanqas din il-persuna. Lanqas ma kellu numru ta' din il-persuna, ghaliex kien jitlaqa' mieghu hemm. Jghid ukoll illi dan kien iltaqa' mieghu ghaliex kien dahal it-*toilet* u ghamillu linja b'xejn u li qatt ma kien rah qabel. Jghid illi huwa kien kaxxier tal-klabb tal-hamiem, li mhuwiex minnu li huwa kien tkecca mill-klabb, izda kien telaq minn jeddu ghaliex beda jisthi dwar dak li gara u dan stante li huwa ma kienx dak it-tip ta' persuna. Jinnega li dan kien ghaliex bdew isibu l-flus neqsin mill-klabb. Jghid illi dak iz-zmien, huwa kien jahdem l-Air Malta, li kien jahdem bix-*shift* mit-Tnejn sal-Gimgha mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m. ghalkemm jghid li gieli kien jahdem *overtime* u jsemmi hinijiet diversi. Mistoqsi allura x'kien qed jaghmel *Manoel Island* fl-4.00 a.m., jghid illi huwa ma kienx mal-mara dak iz-zmien u ma kienx joqghod id-dar u jghid illi l-ghada fil-ghodu, is-Sibt, ma kienx xoghol ghax kien jahdem mit-Tnejn sal-Gimgha. Jghid illi kien joqghod id-dar wahdu u ghand hutu wkoll, izda wara jghid illi hwejjgu kienu ghadhom fid-dar konjugali u li kien jorqod hemm. Jghid illi meta kien ikollu xi jghid ma' martu, kien jitlaq u joqghod ghand hutu u li kien jerga' jmur id-dar l-ghada ghaliex huwa qatt ma ried juri lit-tfal x'kien ghaddej bejnu u bejn martu. Mistoqsi ghaliex ma zammx id-droga kollha fuqu jew inkella kollha fil-*panelling* tal-karozza la darba kien qieghed wahdu fil-karozza, huwa jghid illi huwa kien hiereg, li kien ser jinzel mill-karozza u ma kienx ser inizzel id-droga kollha mieghu, ghaliex inkella ghalxejn kien jifred id-droga f'pakketti. Jghid illi l-pulizija waqqfuh meta kien ipparkjat, li kien hiereg u li kien ser jaqsam faccata, ghaliex kien qieghed hdejn il-pont, biex jaqdi l-bzonnijiet tieghu. Jghid illi huwa ma dahalx *Manoel Island*, izda kien qieghed fil-*main road* u pparkja biex jinzel u jmur faccata, meta waqqfuh il-pulizija. Mistoqsi fejn instab il-mizien, huwa jghid illi dan instab fejn izomm il-gallinar tal-hamiem, li huwa kien jaqsam id-droga f'pakketti hemmhekk u li ma kienx izomm id-droga hemm ghaliex it-tfal gieli marru jaghlfu l-hamiem. Jghid illi proprja huwa kien juza l-mizien biex jizen il-medicina tal-hamiem.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marius Magri</u>**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Illi f'dan il-kaz, dak li qeghda tikkontesta d-difiza m'huwiex il-pussess tad-droga kokaina misjuba, izda l-pussess aggravat tal-istess. Dak li qeghda tikkontendi d-difiza ghalhekk huwa illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-fatti li jirrizultaw mill-provi u dwar jistax jinghad illi jirrizultaw cirkostanzi li jwassluha ghall-konkluzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi d-droga misjuba ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi l-piz tat-trab fih inniffsu ossia 3.27 grammi, ghalkemm m'huwiex ammont negligibbli, mill-banda l-ohra lanqas huwa ammont li necessarjament jeskludi li dan kien intiz ghall-uzu personali. Mill-provi mressqa, il-Qorti tqis illi c-cirkostanzi li jimmilitaw favur it-tezi tal-Prosekuzzjoni ossia illi d-droga misjuba ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat huma l-fatt illi d-droga instabet maqsuma f'seba' pakketti, tlieta minnhom b'piz identiku ta' 0.49 grammi u l-erbgha l-ohrajn b'pizijiet simili ta' 0.40 grammi, 0.38 grammi, 0.57 grammi u 0.45 grammi. L-imputat ammetta li kien huwa stess li kien jaqsam id-droga li kien jixtri f'pakketti izghar permezz ta' mizien (ghalkemm jghid li dan

kien jaghmlu ghall-uzu tieghu). In oltre, l-imputat instab barra b'dawn il-pakketti kollha fil-pussess tieghu.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat jghid illi huwa kien jaghmel uzu mill-kokaina, li kien ilu jaghmel dan l-uzu ghall-perjodu ta' xi sitt xhur jew ftit izjed u li kien dar ghad-droga meta rinfaccjat bi problemi familjari. Jghid ukoll illi kien jixtri madwar tlieta jew erba' grammi kull tliet gimghat jew kull xahar u li kien juza gramma u nofs fil-*weekend* meta johrog u li l-izjed li kien johrog kien nhar ta' Gimgha. Il-Qorti tqis illi l-imputat kien jahdem f'impjieg *full time* u tenut kont li skond dak li jghid hu, kien jonfoq bejn Lm100 u Lm120 kull darba li kien jixtri d-droga, ma jirrizultax li kellu diffikulta` finanzjarja biex jakkwista d-droga. Tqis ukoll illi ghalkemm l-imputat jghid illi kien huwa stess li kien jaqsam id-droga f'pakketti izghar, mill-banda l-ohra fl-ewwel lok, huwa kellu access ghal mizien elettroniku stante li kien dilettant tal-hamiem u fit-tieni lok, skond il-verzjoni tieghu, huwa kien jaqsamhom f'pakketti sabiex ma jgorrx id-droga kollha li jkollu fuqu, b'mod partikolari sabiex jevita li haddiehor jitolbu biex jaqsam id-droga mieghu – verzjoni din li l-Qorti ssibha attendibbli u verosimili, tenut kont tal-fatt illi d-droga in kwistjoni kienet droga kokaina li, f'postijiet ta' divertiment, hija droga komuni hafna u li facilment u komunament tigi maqsuma bejn zewg jew izjed persuni. Tqis ukoll illi ghalkemm l-imputat instab barra fil-pussess ta' droga ammontanti ghal 3.27 grammi – u ghalhekk skond ix-xhieda tieghu ammont ta' droga li ma kienx ser jaghmel uzu minnha f'lejl wiehed – biss il-maggor parti ta' din id-droga instabet wara t-tappezzerija tal-bieba ta' quddiem tal-vettura, mentri skond PC 857 u skond l-istess imputat, tnejn mill-pakketti nstabu fuq il-persuna tieghu. F'dan il-kuntest, ghalkemm mix-xhieda tal-imputat, il-Qorti ma fhemitx ezattament fejn kien qed jghix fiz-zmien in kwistjoni, stante li f'mument jghid li ma kienx joqghod id-dar, f'mument iehor jghid li kien joqghod id-dar wahdu u mbaghad li kien ghadu qed jorqod fid-dar konjugali ghaliex kellu hwejjgu kollha hemm u anke li kien imur ghand hutu, meta kien ikollu xi jghid ma' martu, tqis verosimili illi ragel li kien ghaddej minn separazzjoni u li kellu hamest itfal, ma riedx ihalli d-droga warajh gewwa daru u li lanqas ma ried ihalli d-droga fil-post fejn kien izomm il-hamiem, ghaliex uliedu gieli kienu jmorru hemm ukoll, u li ghalhekk kien igorrhom mieghu fil-vettura – f'post fil-vettura li mhuwiex immedjatament accessibbli - li kienet tkun dejjem maghluqa. Tqis ukoll illi mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija jirrizulta li l-imputat ma kienx qieghed gewwa *Manoel Island*, izda fil-vicinanzi tal-istess u li fil-fatt huwa gie mwaqqaf hdejn il-pont. Fir-rigward tal-flus misjuba fil-pussess tal-imputat ossia s-somma ta' mitejn, tnejn u tletin Lira Maltin (Lm232), l-imputat jghid illi huwa kien kaxxier tal-klabb tal-hamiem u li kien ghadu kif gabar dawn il-flus dakinhar stess mit-tigrija tal-hamiem. Li l-imputat kien dilettant tal-hamiem, kif inghad, jirrizulta ampjament

mix-xhieda tieghu, u li huwa kien kaxxier tal-klabb fiz-zmien in kwistjoni ma jidhirx li huwa kkontestat mill-Prosekuzzjoni, tant illi in kontro-ezami, l-Ufficjal Prosekutur stess jaghmel domandi lill-imputat dwar ir-raguni ghalfejn eventwalment ma baqax fi hdan l-istess kumitat, ghal-liema l-imputat iwiegeb li kien telaq ghaliex beda jisthi minhabba dan il-kaz. Imbaghad, li l-imputat kien barra fil-hinijiet bikrija ta' filghodu tista' tfisser hafna affarijiet, izda ma twassalx necessarjament ghall-konkluzjoni illi l-imputat kellu l-hsieb li jispacca d-droga.

Tenut kont ta' dan kollu, minkejja s-suspetti li jqanqlu c-cirkostanzi li fihom l-imputat instab fil-pussess tad-droga in kwistjoni, tenut kont ukoll illi ma nstabux oggetti ohrajn fil-pussess tal-imputat bhal notamenti b'ismijiet jew numri tat-telefon li jistghu jindikaw kuntatti ma' klijenti tal-ispaccatur, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli. Madankollu, qed issib lill-imputat hati tal-pussess illegali ossia semplici tad-droga kokaina u dan b'referenza ghall-21 ta' April 2006 u x-xhur ta' qabel din id-data u mhux kif indikat fic-citazzjoni odjerna, li tirreferi ghas-snin ta' qabel l-istess data.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, mil-liema jidher illi l-ahhar kundanna kienet tirrisali ghas-sena 1998, li l-kazijiet kollha kienu jikkoncernaw sewqan u f'kaz minnhom, li kkawza offiza ta' natura gravi, li wkoll tidher relatata ma' sewqan.

Qieset ukoll l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat ossia li t-trab kellu piz ta' 3.27 grammi, b'purita ta' 45.1% li, skond l-Ispizjar Mario Mifsud, hija purita` normali u li l-imputat kien jaghmel uzu mill-kokaina wkoll fix-xhur ta' qabel id-data li fiha gie arrestat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **mhux hati** tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnha, b'dan illi fir-rigward tal-istess imputazzjoni qed issibu **hati** ta' pussess illegali (semplici) tad-droga kokaina

(u dan b'referenza ghall-21 ta' April 2006 u x-xhur ta' qabel din id-data u mhux ghas-snin ta' qabel) u tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' disa' mitt Euro (€900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fiz-zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, erbgha u tletin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€434.58).

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' hames mija u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€540.41) ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Lira Maltin (Lm232), esebiti bhala parti minn Dokument DT1, favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala parti minn Dokument DT 1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat